**Suġġerimenti għal *prayer meetings*:**

**L-ambjent**

L-ambjent u l-atmosfera li tinħoloq fuq il-post fejn ser isir it-talb huwa importanti sabiex min ser ikun parti minn din il-komunità ta' talb ukoll ikun jista' jidħol f'dik l-atmosfera. Dan allura jgħin lil kulħadd ifittex li jieħu ħsieb ikun hemm atmosfera ta' talb.

**Kif nistgħu noħolqu atmosfera ta' talb?**

Sabiħ kieku jkunu ż-żgħażagħ stess illi jagħtu is-suġġerimenti tagħhom fuq dan ir-rigward, u jkunu huma stess illi jħejju l-post.

Ikun tajjeb illi naħsbu fuq kif l-atmosfera tista' tinvolvi s-sensi:
(a) lill-għajnejn (xi dwal, charts, drappijiet, arrangement ta' għamara, kotba, fjuri, xemgħat, powerpoint eċċ.)
(b) lill-widnejn (permezz ta' xi ħsejjes jew mużika illi ż-żgħażagħ iħossu li tressaqhom qrib ta' Alla u qrib tat-talb, xi Christian *songs* illi jistgħu ikunu il-bidu, xi ħsieb, jew l-għeluq tat-talb)
(ċ) lix-xamm (ambjent li jista' jinħoloq permezz ta' xi essential oils, xemgħat, inċens, balzmu eċċ)
(d) lis-*sense of touch*: forsi permezz ta' xi cushions, jew sufanijiet illi fuqhom ikunu bil-qiegħda ż-żgħażagħ
(e) togħma (ikel li nsibu referenza għalih fil-bibbja – ħalib, butir, ġobon,ħobż, ħut, ħaxix, frott, għasel, żejt, ħall, inbid)

**Kif ser nitolbu flimkien?**

Ikun addattat li nagħmlu pjan realistiku ta' kif nistgħu nitolbu flimkien fejn ikun hemm ħin indikat li jimmarka il-bidu u l-għeluq tat-talb. Jekk nafu li ż-żgħażagħ isibuha diffiċli illi ikunu bil-qiegħda fl-istess pożizzjoni għal iktar minn kwarta, tajjeb illi nippjanaw ma' dan il-ħin, inkella noħolqu xi *sacred dance* f'xi ħin waqt it-talb.

Ikun tajjeb kieku ż-żgħażagħ stess jagħżlu it-tul ta' ħin u metodu li bih jixtiequ li jsir it-talb. B'dan l-involviment tagħhom, huma jkunu jistgħu jagħtu parteċipazzjoni u commitment aktar sħiħ lejn it-talba li jixtiequ jagħmlu.

Ikun għalhekk tajjeb illi issir għażla ta' tema. Din it-tema għandha tirrifletti il-bżonnijiet ta' talb li jkunu qegħdin iħossu ż-żgħażagħ matul dak iż-żmien. It-tema tistà tkun fil-forma ta' messaġġ żgħir jew kwotazzjoni (eżempju: it-tema tal-Papa għaż-żgħażagħ għal matul dik is-sena), jew suġġett li tkunu ħdimtu dwaru fil-laqgħat.

**Prayer Meeting fuq it-tema tal-Papa għaż-Żgħażagħ (2008)**

1. Iż-żgħażagħ jidħlu fil-kamra/jagħmlu purċissjoni żgħira b'salib u ikona ta' pentekoste. Is-simboli huma ċentrali ħafna fil-WYD u tajjeb li ż-żgħażagħ ikunu jafu bit-tifsiriet ta' dawn.

2. Song - Receive the Power u Ħsieb tas-song (Resource Pack jew website World Youth Day.)

3. Xi video clip illi juri l-wasla tal-WYD Cross and Icon

4. Xi ħsieb żgħir u riflessjonijiet fuq it-tema tal-Papa.

5. Qari u Riflessjoni fuq il-Liturġija Acts 1 (4-11) (It-Tlugħ fis-sema).

6. Riflessjoni fuq xi tfisser li aħna nirċievu l-qawwa mingħand l-Ispirtu s-Santu, u li nkunu xhieda tiegħu. Kif nistgħu aħna nħallu l-Ispirtu s-Santu jaħdem fina?

7. Xi talb lill-Ispirtu s-Santu mingħand iż-żgħażagħ b'mod spontanju jew preparati minn qabel.

8. Qari u Riflessjoni fuq il-Liturġija Acts 2:1-13 (L-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli).

9. Talba flimkien lill-Ispirtu s-Santu. Din nistgħu infittxuha minn xi mkien jew ngħidu lil xi żgħażugħ jiktibha.

10. Xi song fuq l-Ispirtu s-Santu illi tiġi animata b'mod żgħażugħ.